MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 2704/2002

**Carmelo u Theresa konjugi Borg u b'digriet tat-Tribunal tad-9 ta' Lulju, 2003 l-isem Theresa Borg ghandu jigi kkancellat u sostitwit bl-isem Maria Borg**

**Vs**

**Joseph Gauci**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu l-hlas ta' disa mija u hamsin lira Maltin (Lm950) rapprezentanti danni f'incident tat-traffiku kif spjegat ahjar fl-Avviz.

Ra r-Risposta tal-konvenut li sostna li l-incident ma garax tort tieghu.

Ra x-xhieda ta’ Therese Borg li qalet li kienet hierga minn St Philip Street, waqfet fuq l-i*stop sign*, rat li ma kien gej hadd u baqghet sejra. Hi kienet saqet xi tletin metru fil-pjazza meta giet il-*mini bus* misjuqa mill-konvenut li dahlet fuqha.

Ra x-xhieda ta’ PC 1118 Mario Fenech li qal li l-incident gara gol-pjazza u li kien hemm distanza sewwa minfejn harget l-attrici safejn gara l-incident.

Fir-*Road Accident Report* l-attrici gie rrapportat li qalet:

“She stated that she was proceeding from St Philip Street and on reaching almost the center of the square she collided onto car number LAK 578 which was coming from her right hand side.”

Il-konvenut gie rrapportat li qal:

“He was proceeding from Nestu Laiviera Street and on reaching almost the center of the square collided with car number KAM 865.”

Il-konvenut xehed li kien gej minn Triq Nestu Laiviera, kellu l-intenzjoni li jaqbez iz-zewg statwi u mbaghad idur fuq ix-xellug wara z-zewg statwi. F’daqqa wahda ra l-vettura KAM 865 li ma kellhiex dawl.

Ra d-dokumenti esebiti.

Illi fit-trattazzjoni l-konvenut sostna li ma kienx responsabbli ghaliex fil-pjazza m’hemmx *right of way* u z-zewg sewwieqa kellhom l-obbligu li jzommu *a proper lookout*. L-atturi jghidu li l-konvenut kien gej minn wara l-istatwa u kellu l-obbligu li jara l-vettura ta’ l-atturi u jevita l-incident. Fil-kawza **Untours Vs Saliba (PA 29/1/2004)** gie ddikjarat:

“Illi huwa maghruf li hija regola generali li fi kwestjonijiet ta’ stharrig ta’ responsabbilta’ f’habta, li kull sewwieq irid ihares zewg regoli ewlenin, jigifieri:

a) Li jirregola s-sewqan tieghu skond ic-cirkostanzi kollha ta’ l-inhawi fejn ikun (maghduda maghhom il-konfigurazzjoni tat-triq, il-hin u l-kundizzjonijiet atmosferici), u

b) Li jzomm attenzjoni (proper lookout) dwar dak li jkun qieghed isehh fil-qrib jew huwa mistenni li jsehh minnufih.”

(Ara wkoll **Formosa & Camilleri Ltd et Vs Joseph Camenzuli (PA RCP 26/4/2001)**).

Illi l-incident gara fis-17 ta’ Gunju, 2000. F’dak iz-zmien il-**Highway Code** kien jghid hekk:

“(93) At an intersection or junction of roads of equivalent traffic importance, where vehicles approach the intersection or point of junction simultaneously priority should, unless otherwise indicated, be accorded to vehicles on the left.” **(Ir-regolament tbiddel b’effett mill-1 t’Ottubru, 2000)**

Fil-fehma tat-Tribunal l-incident gara f’*intersection or junction of roads* u ghalhekk kien id-dover tal-konvenut li jaghti precedenza lill-attrici. Illi dan ma jfissirx li l-attrici m’ghandhiex l-obbligi kif spjegati hawn fuq.

Hemm diversi sentenzi fis-sens li jghidu li l-ewwel konsiderazzjoni tas-sewwieqa hu mhux li jistabbilixxu d-dritta, izda sabiex tigi stabbilita ordni fis-sewqan, bazilari ghal certu grad ta’ sikurezza fit-toroq. Il-gurisprudenza tattribwixxi grad ta’ responsabbilta’ ikbar u cjoe’ ta’ zewg terzi (2/3) lit-traffiku li jkun gej mil-lemin u grad ta’ terz (1/3) lil min ikun gej minn fuq ix-xellug, anki ghaliex il-konsistenza tar-regoli fis-sewqan, bhal konsistenza f’kull haga ohra, jghinu sabiex l-istess utenti tat-toroq ikunu jistghu jirregolaw ruhhom ahjar, u b’hekk jigu evitati aktar sinistri. (Ara **Bonnici Vs Montebello PA 16/1/2002** u s-sentenzi hemm imsemmija).

Ghaldaqstant jiddikjara li l-konvenut kien responsabbli ghall-incident fi grad ta’ zewg terzi (2/3).

Gew esebiti l-ircevuti, jidhru ragunevoli u ma gewx ikkontestati.

Ghaldaqstant jichad ir-Risposta tal-konvenut u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi l-ammont ta’ sitt mija u tlieta u tletin lira Maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm633.33c) bl-imghax mit-22 t’Ottubru, 2003 (data tar-Risposta tal-konvenut).  Bl-ispejjez in kwantu ghal zewg terzi (2/3) ghall-konvenut u terz (1/3) ghall-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------